

L-ISTRUTTURA TAL-MEDJAZZJONI

Sempliċi, rapida u effettiva

Fażi tal-bidu



Il-fażi tal-bidu tal-proċess ta' medjazzjoni tikkonċerna l-azzjonijiet kollha li għandhom jittieñdu qabel ma l-ELA tiddeċiedi formalment jekk tnedix l-ewwel stadju tal-proċedura ta' medjazzjoni, jew le.



Dan jinkludi verifika tal-ammissibbiltà abbażi tat-talba bil-miktub u d-dikjarazzjonijiet dettaljati li jiġu pprovduti mill-Istati Membri li huma parti għat-tilwima.

L-Ewwel stadju



L-ewwel stadju ta' medjazzjoni jikkonċerna l-għażla u l-ħatra ta' medjatur uniku, il-proċess ta' medjazzjoni attwali u l-produzzjoni ta' rapport fattwali finali. Meta jintlaħaq ftehim medjat jew tinstab soluzzjoni, l-ewwel stadju jiġi konkluż bl-adozzjoni ta' opinjoni mhux vinkolanti.

It-Tieni stadju



It-tieni stadju ta' medjazzjoni jgħid biss jekk:

- ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim mill-Istati Membri matul l-ewwel stadju ta' medjazzjoni; u
- l-Istati Membri kollha involuti fit-tilwima jaqblu li jressqu t-tilwima tagħhom għat-tieni stadju.

Dan jitwettaq quddiem il-Bord ta' Medjazzjoni tal-ELA.

Iż-żewġ stadji tal-proċedura ta' medjazzjoni għandhom oqfsa ta' żmien u flussi tax-xogħol indikattivi ċari.

Il-mudelli għad-diversi notifiki, dikjarazzjonijiet u rapporti jsiru disponibbli mis-Segretarjat tal-Medjazzjoni tal-ELA għall-Istati Membri.

L-għan tal-proċedura ta' medjazzjoni huwa li jiġu rrikonċiljati l-fehmiet diverġenti bejn l-Istati Membri li huma parti għat-tilwima u li tiġi adottata opinjoni mhux vinkolanti bi ftehim komuni.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur www.ela.europa.eu/en/mediation jew ikkuntattja lis-Segretarjat tal-Medjazzjoni tal-ELA fuq mediation@ela.europa.eu



978-92-9401-010-0 - HP-04-23-027-MT-C - doi:10.2883/32618



AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL

Awtorità Ewropea tax-Xogħol

Landererova 12, 811 09
Bratislava - is-Slovakkja

@ info@ela.europa.eu

www.ela.europa.eu

<https://www.facebook.com/europeanlabourauthority>

https://twitter.com/EU_EL_A

<https://www.linkedin.com/company/european-labour-authority>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

MT

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

© European Labour Authority, 2023

Images, © stock.adobe.com

Print: ISBN 978-92-9401-010-0 | doi:10.2883/32618 | HP-04-23-027-MT-C

PDF: ISBN 978-92-9401-023-0 | doi:10.2883/134082 | HP-04-23-027-MT-N

IL-PROĊEDURA TA' MEDJAZZJONI FL-AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL

SERVIZZ OFFRUT LILL-ISTATI MEMBRI BIEX ISOLVU TILWIM BEJN L-AWTORITAJIET NAZZJONALI TA' PAJJIŻI DIFFERENTI DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-LIĠI TAL-UE DWAR IL-MOBILITÀ TAL-FORZA TAX-XOGĦOL

#EULabourAuthority



AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL

Il-Proċedura ta' Medjazzjoni fl-Awtorità Ewropea tax-Xogħol



Meta l-awtoritajiet nazzjonali minn Stati Membri differenti jkollhom fehmiet differenti dwar każijiet individwali ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol jew il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali li ma jkunux jistgħu jsołvu permezz ta' kuntatt u djalogu diretti, dawkl-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) tniEDI proċedura ta' medjazzjoni bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni li tkun għaddejja.



Il-medjazzjoni hija proċess volontarju li l-Istati Membri kkonċernati kollha jridu jaqblu dwaru qabel ma jipparteċipaw fih. Il-medjazzjoni hija ffaċilitata minn medjatur (matul l-ewwel stadju) jew minn panel ta' esperti fil-qasam tal-mobilità tal-forza tax-xogħol tal-UE (matul it-tieni stadju). Is-Segretarjat ta' Medjazzjoni tal-ELA jappoġġa l-proċess matul l-istadji differenti b'appoġġ loġistiku u b'assistenza loġistika.

Liema tilwim jista' jiġi medjat mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol?

It-tilwim kollu dwar każijiet individwali bejn l-awtoritajiet nazzjonali minn żewġ Stati Membri jew aktar fir-rigward tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma li ġejjin jista' jiġi medjat bl-appoġġ tal-ELA:

- il-moviment liberu tal-ħaddiema;
- l-istazzjonar tal-ħaddiema;
- il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali; u
- aspetti soċjali tat-trasport internazzjonali bit-triq li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-ELA.

Meta tista' titnieda l-proċedura ta' medjazzjoni?

L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jitolbu li l-ELA tniEDI proċedura ta' medjazzjoni. L-ELA tista' tipproponi wkoll medjazzjoni lill-Istati Membri fuq inizjattiva proprja. Tilwim mhux solvut li jirriżulta mill-mekkaniżmu SOLVIT jista' jiġi riferut ukoll lill-ELA għall-medjazzjoni.

L-Istati Membri kollha involuti fit-tilwima jeħtieġ li jaqblu li jidħlu f'medjazzjoni qabel ma tkun tista' tibda l-medjazzjoni.

Karatteristiċi tal-proċedura ta' medjazzjoni tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol

PRINĊIPI EWLENIN

- Newtralità u imparzialità
- Kooperazzjoni sinċiera u inklużività
- Kunfidenzjalità
- Proċedura rapida, effettiva u effiċjenti
- Proċess volontarju għar-rikonċiljazzjoni tal-fehmiet diverġenti bejn l-Istati Membri

PUNTI B'SAĦĦITHOM

- Ebda spiża għall-partijiet involuti
- Oqfsa ta' żmien ċari u effettivi
- Fluss tax-xogħol ċari u mudelli disponibbli b'appoġġ għall-proċess
- Flessibilità
- Akkumpanjament professjonali
- Involvement ta' esperti b'għarfien espert speċjalizzat
- Appoġġ loġistiku u tat-traduzzjoni matul il-proċedura
- Ebda *data* personali skambjata

